**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**
**(Ghawdex)**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum 9 ta' Marzu, 2022**

**Appell numru: 5/2017**

**Wara sentenza tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) bit-Talba numru: 5/2017MS datata 12 ta' Novembru, 2021**

**Tarsons Limited (C16271)**

**vs.**

**Gracie Camilleri**

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell intavolat mis-socjeta' rikorrenti Tarsons Limited minn decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar datata 12 ta' Novembru, 2021. Il-fatti tal-appell odjern huma s-segwenti:

i. Is-socjeta' rikorrenti giet inkarigata mill-intimata biex taghmel xoghol ta' rham (lapida) ghal qabar u dan fit-termini tal-ftehim esebit a fol. 4 tal-process ghas-somma komplessiva ta' €3400. Mhux kontestat li mal-ftehim l-intimata hallset is-somma ta' €1,570 bhala depozitu fuq il-prezz.

ii. Permezz tal-proceduri quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar is-socjeta' rikorrenti talbet li l-istess Tribunal jikkundanna lill-intimata thallas il-bilanc allegatament dovut fis-somma ta' €1,570;

iii. L-intimata eccepiet illi l-ammont mhux dovut stante li ssostni li allegatament ix-xoghlijiet ma sarux skont dak miftiehem, li parti mix-xoghol miftiehem ma sarx u li x-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti.

2. Illi t-Tribunal Ghal Talbiet Zghar permezz tad-decizjoni tieghu datata 12 ta' Novembru, 2021 qata u ddecieda li jilqa' parzjalment it-talba tas-socjeta' rikorrenti u kkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' elf u disgha u disghin Euro (€1099).

3. Illi s-socjeta' rikorrenti hassitha aggravata b'din id-decizjoni u ntavolat l-appell odjern nhar l-1 ta' Dicembru, 2021. Permezz tal-imsemmi appell hija ressqet zewg aggravji kif isegwi:

a. Illi l-ammont li kellu jitnaqqas mit-Tribunal kellu jitnaqqas biss mill-bilanc tal-prezz pattwit u mhux mis-somma kollha miftehema originarjament u dan kif fuq kollox irrelata l-espert nominat mill-istess Tribunal dwar il-materja in kontestazzjoni. Is-socjeta' rikorrenti ssostni li t-Tribunal ghazel li jinjora r-rapport tal-espert nominat minnu u bidel il-persentagg li kellu jitnaqqas mill-bilanc tal-prezz minn 15% ghal 30% minghajr ebda gustifikazzjoni valida. Jsostni ghalhekk li a bazi tad-dettami ta' gustizzja naturali la darba t-Tribunal deherlu li kellu jinnomina espert u la darba t-Tribunal ghogbu jalloka l-ispejjez tal-perizja teknika lill-istess rikorrenti kellu almenu jimxi mal-

konkluzjonijiet raggunti mill-Perit Tekniku u jordna li titnaqqas biss is-somma ta' €235.50 mill-bilanc dovut u mhux aktar.

b. Is-socjeta' rikorrenti appellanti hassitha wkoll aggravata mill-fatt li fid-decizjoni tieghu t-Tribunal iddecieda li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet nonostante li parti sostanzjali mit-talba tas-socjeta' rikorrenti giet milqugha. Tinsisti li fil-kaz odjern ma jirrizultawx ic-cirkustanzi specjali li trid il-ligi (Art. 10 (1) tal-Kap. 380) sabiex it-Tribunal jiddipartixxi mir-regola. Is-socjeta' appellanti tinsisti wkoll illi t-Tribunal ma ta l-ebda motivazzjoni ghal din id-decizjoni. Rizultat ta' din id-decizjoni s-socjeta' rikorrenti ssostni li spiccat batiet hi l-ispejjez kollha tal-espert tekniku fis-somma ta' €642.92. Izzid li finalment rizultat ta' din id-decizjoni s-socjeta' rikorrenti li rebhet 70% tal-pretensjoni taghha ser tispicca tirkupra biss l-ammont ta' €14.86. Tissottometti li almenu l-ispejjez kellhom jigi porzjonati 30% u 70% skont id-decizjoni.

L-appellanti talbet ghalhekk li din il-Qorti:

'1. Fl-ewwel lok, tvarja l-ammont pagabbli mill-konvenuta lill-attrici u tikkundannaha thallas is-somma ta' €1334.50 minflok is-somma ta' €1099.00 stabbilit f'dik is-sentenza;
2. Fit-tieni lok tvarjaha fil-parti fejn it-Tribunal iddecieda li l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet u minflok tordna li l-ispejjez tal-ewwl istanza jirriflettu r-rispettiv rebh u telf;
Bl-ispejjez kollha tat-tieni istanza kontra l-konvenuta apellata.'

4. Illi da parti taghha l-appellata wiegbet ghal dan l-appell nhar il-5 ta' Jannar, 2022 billi sostniet li l-appell huwa infondat fil-dritt u fil-fatt u ghandu jigi rigettat prevja li tigi konfermata d-decizjoni tat-Tribunal *in toto.*

Dwar l-ewwel aggravju l-appellata tissottometti li kuntrarju ghall-impressjoni li tipprova taghti s-socjeta' rikorrenti appellanti, tezisti gurisprudenza li taghmilha cara li Qorti mhix tenuta li b'mod awtomatiku tacceta l-konkluzjonijiet ta' perizja teknika u ghandha l-fakulta' li tiddipartixxi minnha. Izzid li t-Tribunal essenzjalment qabel mal-konkluzjonijiet tar-rapport peritali izda qies li jkun aktar gust li jitnaqqas l-ammont ta' 30% mill-bilanc li fadal u mhux 15% kif rakkomandat u dan in vista tal-izbalji li saru fix-xoghlijiet da parti tas-socjeta' rikorrenti. Skont l-intimata dan il-persentagg gie varjat *arbitrio boni viri* sabiex jirrifletti wkoll iz-zewg zbalji li saru billi s-salib ma sarx dritt u inkitbet talba li ma kinitx ntalbet mill-intimata fuq l-irhama. Izzid li la darba t-Tribunal ma jistax jordna rimedji allura ha dan in konsiderazzjoni fl-ammont dovut. Ghalhekk id-diskrezzjoni tieghu skont l-intimata ezercitaha sew fil-parametri li ttih il-ligi.

Dwar l-aggravju relatat mal-kap tal-ispejjez l-intimata ssostni li fil-kaz partikolari t-Tribunal qies li kien hemm cirkostanzi specjali li jimmeritaw li jigi ordnat li kull parti thallas l-ispejjez taghha stante li rrizultaw diversi nuqqasijiet fix-xoghol tar-rikorrenti u ghalhekk it-Tribunal kien korrett li jiddipartixxi mir-regola fil-kaz odjern.

5. Semghet it-trattazzjoni tal-appell tal-partijiet fis-seduta tas-26 ta' Jannar, 2020 u ddiferiet l-appell ghad-decizjoni ghal-lum.

6. Rat l-atti kollha tal-prim'istanza u tal-appell odjern.

**Ikkunsidrat;**

**L-Ewwel u t-Tieni aggravju:**

7. Illi din il-Qorti tqis li stante li z-zewg aggravji mressqa mis-socjeta' appellanti strettament ma jikkoncernawx il-fatti tal-kaz izda l-apprezzament tat-Tribunal fid-decizjoni kemm tar-rapport tal-espert tekniku u l-kap tal-ispejjez, il-Qorti ser tirriporta f'din id-decizjoni l-partijiet rilevanti tal-istess decizjoni:

'Illi t-Tribunal għandu quddiemu rapport imħejji mill-perit tekniku George Cilia li zamm tlett seduti, sema' x-xhieda u aċċeda fuq il-post.

Il-konsiderazzjonijiet u l-konklużjonijiet tar-rapport ser jiġu riprodotti hawnhekk:

*"Il-ftehim li sar bil-miktub bejn Tarsons Ltd u Gracie Camilleri huwa pjuttost xott mid-dettalji li huma ħafna mis-sors ta' din il-kwistjoni. Madankollu huwa importanti li wieħed jinnota li dan il-ftehim kien iffirmat minn naħa tal-konvenuta u l-kontenut tiegħu għandu jiggwida parti mid-deċiżjoni.*

*L-ewwel sors tal-problema joħroġ mill-fatt li l-ftehim sar fuq ritratt ta' monument iehor eżistenti. Filwaqt li ritratt huwa indikattiv, mhux konklussiv għal dawk li huma qisien. Għal min ma jkunx ra il-monument tar-ritratt fiżikament fuq il-post, wieħed immedjatament jikkonkludi li il-wieqfa mhix preċiżament rettangolari. Anke l-orġinali li jiena fittixt u rajt personalment biex nipprova nifhem is-sitwazzjoni għandu l-parti ta' fuq tal-wieqfa mhix*

*orizzontali. Din kompliet ikkomplikat il-perspettiva tar-ritratt u allura huwa faċli ħafna li tinterpretaħ kif fil-fatt ġiet interpretat.*
*Jekk il-klijenti (konvenuta) kienu ċari fil-ħsieb tagħhom dwar il-forma eżatta tal-monument misshom insistew għal drawing tekniku qabel ma jsir il-ftehim u mhux sketch wara l-ftehim. Verament li dan ma sarx u għalhekk kompla naqqas miċ-ċertezza ta' dak li wieħed kien qed jistenna mix-xogħol.*

*Jekk xejn, ix-xogħol li sar kien fidil "iżżejjed" għar-ritratt, fis-sens li l-forma aħħarija tal-wieqfa tirrelata intrinsikament mar-ritratt offrut mill-klijenta. Barra minn hekk wieħed ukoll jinnota li jeżistu monumenti ta' disinn simili bil-wieqfa mhux rettangolari u din il-forma rettangolari kellha tkun emfasiżżata min-naħa tal-konvenuta jekk kienet daqshekk importanti għaliha.*

*Mix-xhieda jidher li l-konvenuta żaret ix-xogħol diversi drabi kemm waħidha jew ma' oħrajn u d-differenzi li qed jissemmew bħala r-raġuni għaliex qed jinżamm il-bilanċ tal-ħlas milli jsir kienu ċarament viżibbli waqt ix-xogħol kien fil-ħanut qabel ma dan tqiegħed fiċ-ċimiterju. Dawn ma intervjenux biex ix-xogħol jieqaf u ma jitqiegħedx fil-post.*

*L-unika parti tal-monument li possibilment ma kenitx mocked-up, kien is-salib u l-posizzjoni tiegħu. Mix-xhieda joħroġ li l-attur offra li jidritta l-posizzjoni ta' dan is-salib. Il-konvenuta ma tatx risposta jekk dan riditux.*

*Issemmew ukoll iċ-ċanfrini differenti fuq il-partijiet differenti tal-monument. Dan huwa fatt, iżda d-disinn tal-monument u l-integrita' tiegħu ma tiddependix minn dawn iċ-ċanfrini partikolarment meta tqis il-kulur iswed tal-granti li effettivament jelimina l-kuntrast li joħolqu dellijiet li jirrendu dawn iċċanfrini li jinqraw mod faċli. Dawn wkoll kienu jidhru fil-ħanut tax-xogħol u ma jidhirx li nġibdet l-attenzjoni għalihom qabel ma dawn twaħħlu.*

*It-talba 'Madonna ta' Pinu itlob Għalina' fuq il-wieqfa jidher li ma kenitx mixtieqa. Din is-sitwazzjoni ingħatat spjegazzjoni għaliex din ma kenitx mixtieqa. L-attur ma ċaħadx li din it-talba ma kenitx mixtieqa. Anke r-ritratt li ngħata bħala 'mudell' għax-xogħol ma fihx talba.* (sottolinear tat-Tribunal)

*Dwar il-vażuni u l-fanali jidher li ma kienx hemm qbil dwarhom mill-bidu nett minħabba li l-klijenta ma għoġobha xejn minn dak li kellu fil-ħanut tax-xogħol u għalhekk offrielha li jwaħħal vażuni u fanal li tixtri mingħand haddieħor. Ċarament dawn ma kienux parti mill-ordni għax il-problema ma qamitx wara li sar il-ftehim imma fil-mument li kien qiegħed isir il-ftehim.*

*Konklużjoni*

*Meta tieħu f'konsiderazzjoni l-punti imsemmija aktar 'il fuq, kunsiderazzjonijiet dwar il-kontribuzzjoni kemm tal-attur u tal-konvenuta għall-kwistjoni mertu tal-kawża, soluzzjoni għal din il-kwistjoni għandha tkun billi:*

*Mill-bilanċ tal-ħlas li fadal (1,570) għandu jitnaqqas ammont ta' 15% (jiġifieri €235.50) u għalhekk il-ħlas dovut għandu jkun ta' €1334.50.*

*Barra minn hekk l-offerta li s-salib ikun iddrittat hija possibbli u għandha tkun sostnuta bħala parti minn din il-konklużjoni. Jekk il-konvenuta taċċetta dan, għandu jsir mingħajr żieda ta' ħlas u fi żmien 30 jum mill-konklużjoni tal-każ. Jekk is-sinjura Camilleri ma tridx dan, is-salib għandu jibqa' kif inhu mingħajr kumpens dovut minn naħa jew oħra. Huwa rakkomandat li t-Tribunal għandu jistabilixxi x-xewqa tas-sinjura Camilleri dwar dan qabel il-konklużjoni tal-każ.*

*Dwar it-talba fuq il-wieqfa, din tista' tkun solvuta billi ssir qoxra tal-granit iswed tal-istess materjal tal-monument u din titwaħħal b'mod li tgħatti t-talba. Jekk il-konvenuta taċċetta dan, għandu jsir mingħajr żieda ta' ħlas u fi zmien 30 jum mill-konklużjoni tal-każ. Jekk is-sinjura Camilleri ma tridx dan, it-talba għandha tibqa' kif inhi mingħajr kumpens dovut minn naħa jew minn oħra. Huwa rrakkomndat li t-Tribunal għandu jistabilixxi x-xewqa tas-sinjura Camilleri dwar dan qabel il-konlużjoni tal-każ. '*

Ikkunsidra

Illi fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2020, il-kawża ġiet differita għal informazzjoni ulterjuri fuq il-konklużjonijiet u s-suġġerimenti tal-perit tekniku fir-rigward il-konvenuta. Pero' l-konvenuta qatt ma reggħet dehret u qatt ma tat xi indikazzjoni li kienet lesta li taċċetta s-suġġerimenti proposti mill-perit tekniku. Lanqas ma sar talba għal periti addizzjonali min-naħa tal-konvenuta jew talba biex tressaq nota ta' kritika għall-imsemmi rapport.

Illi skont l-artikolu 681 tal-Kapitolu 12, il-Qorti (f'dan il-każ Tribunal) ma hijiex tenuta jew marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapport peritali kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha. *"Dan pero` ma tistax tagħmlu b'mod leġġer jew kapriċċjuż. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravement ipoġġu fid-dubbju dik*

*l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni talaspett tekniku tal-materja taħt eżami"* – [Philip Grima v. Carmelo Mamo et nomine, Appell, 29 ta' Mejju 1998].

Anzi, gie wkoll sewwa ritenut illi *"f'ċirkostanzi bħal dawn ikun prużuntuż għall-ġudikant illi jiddipartixxi bla raġuni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dan mhux biss għax ma kellux il-meżżi ghad-disposizzjoni tiegħu biex serenament jinoltra ruħu fl-aspetti teknici tal-meritu, imma wkoll għaliex neċessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza meħtieġa biex, b'mod kritiku, jasal għal konvinċiment divers minn dak li jkunu waslu għalih l-esperti minnu nominati"* – [Benjamin Camilleri nomine v. Charles Debattista nomine, Appell, 9 ta' Frar 2001).

Ikkunsidra

Illi in suċċint, l-ilmenti tal-konvenuta (u r-raġuni għaliex hi ma tridx tħallas l-attur il-bilanċ dovut) huma s-segwenti:

1. Is-salib kien immejjel u ma twaħħalx fil-presenża tal-konvenuta.

2. It-talba 'Madonna ta' Pinu itlob għalina' fuq il-wieqfa ma kenitx mixtieqa mill-konvenuta.

3. Il-vażuni u l-fanal, li kienu parti mill-prezz, ma tpoġġewx.

**Illi għal dak li jirrigwarda l-ewwel ilment - li s-salib ma twaħħalx dritt**, it-Tribunal jaqbel mal-espert li r-ritratt provdut mill-konvenuta ma kienx ċar biżżejjed u kien faċli li jiġi misinterpretat. In eskussjoni, il-perit spjega li l-ftehim sar fuq ritratt ta' monument eżistenti, liema ritratt kellu perspettiva angulata u l-lapida inħadmet skond ir-ritratt provdut. It-Tribunal jaqbel li kien hemm element ta' traskuraġni kemm mill-attur kif ukoll mill-konvenuta, jew kif qal tajjeb l-espert 'kulħadd kellu l-kontribuzzjoni tiegħu'. Pero' fl-aħħar mill-aħħar, xogħol professjonali jirrikjedi li l-attur kellu jmur fuq il-post u jara l-oriġinali u mhux joqgħod biss fuq ritratt meħud minn dilettant anke jekk il-konvenuta naqset meta ma insistietx li dan isir. L-attur jammetti illi uża biss ir-ritratt u li ma marx jara l-monument oriġinali. (fol 66). Fl-aħħar mill-aħħar, it-Tribunal jidhirlu li kien sta għall-attur illi jara l-affarijiet tiegħu sew peress li "the buck stops with him", u kif qal il-perit fl-eskussjoni l-attur 'għandu jieħu tagħlima minn din."

Jibqa' pero' l-fatt li s-salib twaħħal mill-attur qabel ma ġiet infurmata l-konvenuta u għalhekk kontra l-ftehim li kellhom. Fix-xiehda tiegħu l-attur jammetti illi l-konvenuta sabitu mwaħħal hemm (fol 66). L-attur offra illi jidritta s-salib u dan kien ukoll parti mir-rakkomandazzjoni tal-perit, pero' din l-offerta ma ġietx aċċettata mill-konvenuta. Skond Alfio Camilleri, ir-raġel tal-konvenuta, jekk is-salib jidritta, joħroġ barra mill-irħama (fol 68). U skond l-attur, kieku tagħmlu dritt, il-kitba u l-Madonna ta' Pinu u kollox ma kienx jibqa' jidher kollu. (fol 81).

**Illi għal dak li jirrigwarda t-tieni ilment, li l-talba ma kenitx mixtieqa mill-konvenuta**, hawnhekk zgur ma kienx hemm lok għall-misinterpretazzjoni jew ebda kontribuzzjoni min-naħa tal-konvenuta. Sar żball u ta' dan kien jaħti biss l-attur, li talab skuża u anke talab maħfra.

L-attur spjega li dak iż-żmien hu kien qed jaħdem fuq żewġ lapidi fejn xulxin u hemmhekk sar l-iżball. Pero' skond hu, l-konvenuta aċċettat it-talba. Fix-xiehda tagħha, l-konvenuta tinsisti li hi qatt ma riedet talba u ma kellhiex għażla għaliex beda jgħajjat u qalilha "tiġinix bil-paroli." (fol 91 u 92). Fil-konklużjoni tiegħu l-perit offra soluzzjoni għal dan billi ssir qoxra tal-granit iswed tal-istess materjal tal-monument u din titwaħħal b'mod li tgħatti t-talba u dan a spejjes tal-attur. Din il-proposta ma ġietx aċċettata mill-konvenuta.

**Illi għal dak li jirrigwarda t-tielet ilment, u cjoe' li l-važuni u l-fanal kienu parti mill-prezz u ma tpoġġewx**, l-attur u t-tifel tiegħu Josef Cremona igħidu li dawn ma kienux inklużi fil-ftehim u kellha tixtrihom hi stess mingħand Rapa. (fol 23, 67), filwaqt li l-konvenuta tgħid li l-važuni u l-fanal kienu parti mill-prezz. Apparti l-fatt illi l-ftehim bilkemm jinftiehem, ma hemm xejn miktub dwar važuni u fanal u kwindi t-Tribunal mhux ser jikkunsidrahom għall-finijiet ta' dan l-ilment.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal, filwaqt illi jaqbel essenzjalment mal-konklużjonijiet tal-perit tekniku, ma jistax jaqbel li "jekk il-konvenuta ma taqbilx li s-salib għandu jidritta u ma taqbilx li għandu jkun hemm irħama sewda biex tgħatti t-talba, dan allura jfisser illi dawn huma aċċettabbli." Fl-ahhar

mill-ahhar il-konvenuta ma riditx it-talba, dan ġie ppruvat mix-xiehda u l-konvenuta għandha kull dritt li ma taċċettax illi t-talba titgħatta, kif għandha kull dritt ma taċċettax illi s-salib jidritta, anke in vista ta' dak li qalu Alfio Camilleri u l-istess attur f'dan ir-rigward. Pero' kuntrarjament ta' dak li qal l-espert, it-Tribunal jidhilru li dawn l-iżbalji għandhom jiġu riflessi f'kumpens u fl-ammont li għandu jitnaqqas mill-ammont dovut.

Illi l-perit ikkonkluda illi tan-nuqqasijiet u l-kontribuzzjoni tal-attur, għandu jkun hemm tnaqqis ta' €15% tal-bilanċ li fadal. It-Tribunal jidhirlu li jekk saru żbalji, dawn sar fuq ix-xogħol kollu, u mhux fuq parti minnu jew nofsu. Pero' jibqa' l-fatt illi l-ammont li qed jintalab huwa €1570.00.

Mehud kollox in konsiderazzjoni, t-Tribunal jidhirlu illi kien ikun iktar ġust jekk l-ammont ta' 30% (minflok €15%) jitnaqqas mill-bilanċ li fadal. Dan ifisser illi l-ammont li għandu jitnaqqas huwa 30% x 1570 = €471.00 u l-hlas dovut għandu jkun ta' €1099.00. (1570 - 471). Għal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi illi jilqa' parzjalment it-talba tas-soċjeta' attriċi u jikkundanna lill-konvenuta tħallasha l-ammont ta' elf u disgħa u disgħin Euro. (€1099.00).

Bl-ispejjes għandhom jibqgħu bla taxxa.'

8. L-ewwel aggravju:

Illi fl-ewwel aggravju s-socjeta' rikorrenti tilmenta dwar id-diskrezzjoni ezercitata mit-Tribunal fejn iddipartixxa *in parte* mir-rapport tal-espert tekniku f'dik il-parti fejn ma laqax is-suggerimenti tal-espert tekniku sabiex is-salib jigi drittat u t-talba tigi mghottija altrimenti jekk ma taccettax l-intimata allura kulhadd jibqa b'dak li ha u ma jkunx hemm kumpens.

Is-socjeta' rikorrenti ssostni li t-Tribunal ma ta l-ebda motivazzjoni ghal din il-parti tad-decizjoni b'dana li l-fatt li ddipartixxa mill-konkluzjonijiet tal-espert tekniku ma kienx legalment gustifikat.

Din il-Qorti ma taqbilx mal-argument imqajjem mis-socjeta' appellanti. Fid-decizjoni tieghu t-Tribunal indika kjarament il-motivazzjoni tieghu ghalfejn iddipartixxa *in parte* mir-rakkomandazzjonijiet tal-espert tekniku. Fil-fatt jirrizulta li t-Tribunal ma ddipartiex mill-konkluzjoni teknika izda biss mis-suggerimenti moghtija mill-istess espert tekniku fejn sostna li jekk l-intimata ma taccettax li jitranga s-salib billi jigi drittat u titghatta t-talba li hi ma riditx kif qed jissuggerixxi hu, allura wiehed jassumi li hi kuntenta bihom u ma tiehu l-ebda kumpens. Din il-Qorti rat li t-Tribunal ma qabilx ma dan u sostna kjarament fid-decizjoni tieghu li anki jekk is-salib jibqa mghawweg u t-talba tithalla hemm, finalment rrizulta li dan ma kienx dak li ordnat l-intimata u ghalhekk ta' dan kellha tigi kumpensata permezz ta' tnaqqis fl-ammont dovut. Kien ghal dawn ir-ragunijiet indikati fid-decizjoni li t-Tribunal ddecieda li jiddipartixxi *in parte* minn dak propost mill-espert tekniku u flok 15% applika riduzzjoni ta' 30%. Il-Qorti tqis li dan kien entro l-parametri tad-diskrezzjoni tat-Tribunal skont il-ligi fic-cirkustanzi u ghaldaqstant ma tqisx li l-ewwel aggravju tas-socjeta' rikorrenti huwa gustifikat.

9. It-tieni aggravju:

Illi fit-tieni aggravju s-socjeta rikorrenti appellanti tilmenta mill-fatt li t-Tribunal, dwar il-kap tal-ispejjez, iddecieda li fic-cirkustanzi kull parti kellha soffri l-ispejjez taghha. Dan fisser li s-socjeta rikorrenti, li kienet

akkollata l-ispejjez tal-perit tekniku provvizorjament, spiccat giet akkollata l-ispejjez kollha anki mad-decizjoni finali tat-Tribunal.

Illi minn qari tad-decizjoni appellata u minn ezami tal-atti tal-*prim istanza* din il-Qorti tqis li huwa minnu li t-Tribunal, fid-decizjoni tieghu, ma ta l-ebda motivazzjoni valida ghalfejn iddecieda li l-ispejjez tal-espert tekniku kellha tbatihom kollha s-socjeta' rikorrenti partikolarment la darba rrizulta li certu zbalji li saru fix-xoghol kienu wkoll rizultat ta' nuqqasijiet da parti tal-istess intimata. Din il-Qorti anzi temmen li fil-verita' t-Tribunal ried li fil-kap tal-ispejjez jilhaq bilanc bejn il-partijiet izda ma hax kont tal-fatt li l-ispejjez tal-espert tekniku kienu thallsu kollha provvizorjament mis-socjeta' rikorrenti anki ghaliex l-ordni ma kinitx inghatat mit-Tribunal li ddecieda l-kaz izda Tribunal diversament presedut. Ukoll din il-Qorti tqis li la darba t-Tribunal applika persentagg sabiex permezz tieghu tnaqqas l-ammont dovut mill-intimata lis-socjeta' rikorrenti, allura t-Tribunal kellu jimxi ma' dak li timponi l-ligi u jalloka l-istess persentagg ghall-ispejjez tal-kawza.

In vista ta' dak suespost din il-Qorti tqis li t-tieni aggravju tas-socjeta' rikorrenti huwa gustifikat u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

10. Spejjez tal-Appell:

Stante li fl-appell odjern tressqu zewg aggravji u stante li din il-Qorti qed tichad aggravju, filwaqt li tilqa' l-iehor, l-ispejjez tal-appell odjern ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Decizjoni**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tgħaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi dan l-appell kif isegwi:**

**1. Tiċħad l-ewwel aggravju tas-soċjeta' rikorrenti appellanti;**

**2. Tilqa' t-tieni aggravju tas-soċjeta' rikorrenti appellanti u tgħaddi sabiex tirriforma d-deċiżjoni appellata fl-ismijiet premessi billi tikkonferma d-deċiżjoni fil-mertu izda tvarja l-Kap tal-Ispejjez billi tħassar dik il-parti tad-deċiżjoni fejn it-Tribunal ordna li l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet u tirriforma s-sentenza billi tordna li l-ispejjez kollha għandhom jiġu sopportati 70% mill-intimata u 30% mis-soċjeta' rikorrenti.**

**L-ispejjez tal-istadju tal-appell għandhom jiġu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.**

**Onor. Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**Deputat Reġistratur**